**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Lulju, 2001**

**Numru 7**

**Avviz. numru 326/01JR**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta` estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Di Giuseppe Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Mejju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm25.42), kwantu ghal tnejn u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm22.10) "royalty" u tlett liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm3.32) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru.10280**

**(Dok.A) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment restaurant Di Giuseppe, ghall-perijodu mis-6 ta' Jannar, 2001, sal-5 ta' Jannar, 2002;**

**Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relativa sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Marzu, 2001, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rappresentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm25.42), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Jannar, 2001, sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Marzu, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**